Dok 10.

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

Illum 10 t'April 2018

Għaziz Onorevoli Dr Grech,

Skont l-Artikolu 35 (3) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta), is-sottoskritt qiegħed ġentilment jitlob, permezz ta' din l-ittra, l-approvazzjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali rigward it-twaqqif tal-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat magħmul minn dawn il-membri li nħatru kif ġej:

(a) ħames membri minn fost is-settur tal-volontarjat f'Malta kif ġej:

(1) tliet (3) membri nominati minn organizzazzjonijiet volontarji iskritti skont dan l-Att kif ġej:

(i) L-avukat Noel Camilleri li jirrappreżenta l-Għaqda Każini tal-Banda;

(ii) Is-Sa Gertrude Buttiġieġ li tirrappreżenta l-Għaqda *Malta Federation of Professional Associations*; u

(iii) Fr Antoine Farrugia li jirrappreżenta l-Għaqda *Home Away from Home*;

(2) membru li jiġi nominat minn organizzazzjonijiet volontarji li ma jkunux iskritti skont dan l-Att iżda li jkunu reġistrati skont kif imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ġej:

(iv) Is-Sur Michael Richard Piccinino li jirrappreżenta l-Kunsill Nazzjonali Żgħażagħ (KNŻ); u

(3) membru li jiġi nominat mill-organizzazzjonijiet volontarji li la jkunu iskritti skont ma hemm f'dan l-Att u lanqas ma jkunu reġistrati skont kif imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili kif ġej:

(v) Is-Sa Doris Bingley li tirrappreżenta l-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa; u

(b) ħames membri li għandhom jinħatru kif ġej:

(i) Is-Sur Damien Attard bħala membru biex jirrappreżenta lil fundaturi u donaturi ta' organizzazzjonijiet volontarji;

(ii) Is-Sur Robert Farrugia bħala membru biex jirrappreżenta lil membri ta' organizzazzjonijiet volontarji u lil voluntiera;



t + 356 2598 2840 e education@gov.mt | www.education.gov.mt

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

(iii) It-Tabiba Corinne Wood bħala membru biex tirrappreżenta lil amministraturi ta' organizzazzjonijiet volontarji;

(iv) Is-Sur Edward Gruppetta bħala membru biex jirrappreżenta lil organizzazzjonijiet barranin u dawk internazzjonali; u

(v) Is-Sur Oliver Scicluna bħala membru biex jirrappreżenta s-Settur tal-Persuni b'Diżabbilità.

In vista tal-membru li se jkun qiegħed jirrappreżenta s-Settur tal-Persuni b'Diżabbiltà u peress illi ma ġiet preżentata ebda nomina taħt dan is-Settur, is-Sur Scicluna ġie nominat b'mod dirett mill-Gvern sabiex jirrappreżenta s-Settur in kwistjoni.

Barraminnhekk, ma' din l-ittra qiegħda tiġi wkoll annessa *curriculum vitae* dwar kull membru li ġie maħtur, kif imsemmi hawn qabel, rispettivament.

Tislijiet.

Hon Ministru Evarist Bartolo
Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol



t + 356 2598 2840 e education@gov.mt | www.education.gov.mt